David Casa

MALTA

# Magistrat Inkwirenti

## Magistrat Francesco Depasquale

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum t-Tlieta, 29 ta' Jannar 2019**

**Fl-atti tar-rikors tal-Onor Dr Simon Busuttil (ID 242669M) u l-MEP David Casa (ID 473068M) datat 20 ta' April 2018.**

Il-Magistrat Inkwirenti,

Ra r-rikors tal-Onor Dr Simon Busuttil u l-MEP David Casa ppresentat fl-14 ta' Jannar 2019.

Ra d-digriet tal-Magistrat Inkwirenti datat 17 ta' Jannar 2019 fejn ordna lir-Registratur jintraccja l-atti relattivi ghall-proceduri fuq imsemmija.

Ra illi fit-23 ta' Jannar 2019, hekk kif il-process inghadda lill-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat Inkwirenti ordna notifika tar-rikors lill Onor Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna, Karl Cini u Mario Pullicino sabiex jirrispondu sat-28 ta' Jannar 2019.

Ra illi fit-28 ta' Jannar 2018 ippresenta ir-risposta taghhom Keith Allen Schembri, Mario Pullicino, Karl Cini, Brian Tonna u l-Onor Konrad Mizzi.

**Ikkunsidra**

Josserva illi fir-rikors promotur datat 14 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti ghamlu referenza ghad-digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' Jannar 2019 fejn irrevokat id-decizjoni tal-Magistrat Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017 sabiex tinfetah Inkjesta in genere fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna.

Josserva illi r-rikorrenti jaghmel referenza ghad-digriet ta' dana l-Magistrat Inkwirenti datat 21 ta' Mejju 2018 illi kien jghid dan li gej:

*Jasal ghall-konkluzjonijet illi, fil-konfront ta' **Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna** u **Karl Cini**, ghalkemm il-pre-rekwiziti mehtiega fil-Ligi sabiex investigazzjoni dwar l-ingenere rigward tal-fatti allegati fir-rikors promotur jidher illi jesistu, tali investigazzjoni dwar l-ingenere fuq il-fatti hawn allegati gia giet ordnata fis 26 ta' Lulju 2017 permezz ta' digriet tal-Magistrat Inkwirenti Ian Farrugia, fuq talba tar-rikorrent Dr Simon Busuttil u jkun aktar opportun illi l-ingenere titkompla fl-atti tal-Inkjesta ingenere miftuha fis-26 ta' Lulju 2017 u mhux f'inkjesta ingenere gdida - ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti **jichad** it-talba tar-rikorrenti ghat-tnedija ta' Inkjesta in genere fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna filwaqt illi **jordna** illi l-atti ta' dana ir-rikors w d-dokumentazzjoni kollha ppresentata jintbghatu il-Qorti Kriminali sabiex jiffurmaw parti mill-atti tal-Inkjesta in genere miftuha fis-26 ta' Lulju 2017.*

Josserva illi fir-rikors promotur, r-rikorrenti jikkontendu illi, rizultat ta' tali digriet u dak tal-Qorti Kriminali,

*... issa ninsabu f'sitwazzjoni fejn id-digriet ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-21 ta' Mejju 2018 huwa f'limbu legali u gudizzjarju, la haj u lanqas mejjet, u jehtieg li jinghata ezistenza legali/gudizzjarja awtonoma u indipedenti mid-digriet tal-Magistrat Dr Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017 (li issa huwa rrevokat) fejn id-digriet ta' DIN il-Qorti kif presjeduta iddikjara: "ghalkemm il-pre-rekwiziti mehtiega fil-Ligi sabiex investigazzioni dwar l-in genere rigward tal-fatti allegati fir-rikors promotur jidher illi jesistu":*

*Illi ghalhekk huwa impellenti issa li din il-Qorti kif presjeduta tapplika l-art.546(4C) tal-Kap.9 biex il-Magistrat li ser imexxi l-access jintaghzel bil- polza ghax inkella ser ikun stultifikat u migjub fix-xejn id-digriet ta' din il- Qorti kif presjeduta tal-21 ta' Mejju 2018;*

Josserva illi, rizultat ta' dan, ir-rikorrenti talbu lill-Magistrat Inkwirenti sabiex japplika l-Artiolu 546(4C) tal-Kap 9 sabiex id-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 jigi assenjat bil-polza kif trid il-Ligi.

Josserva illi l-kwerelati, fir-risposti taghhom, lkoll indikaw illi l-inkjesta illi r-rikorrenti talbu li tinfetah "*hija llum ezawrita bid-decizjoni tar-rikorrenti li ma jintavolawx rikors fit-termini ta' l-artiklu 546(4B) tal-Kodici Kriminali*".

Josserva wkoll illi l-kwerelant Keith Allen Schembri indika wkoll illi l-Qorti Kriminali "*bl-aktar (mod) inekwivoku, identifikat l-elementi necessarji biex tirnexxi dina l-azzjoni*", liema elementi kienu nieqsa fl-atti quddiem il-Qorti Kriminali.

Josserva, finalment, illi l-kwerelant Konrad Mizzi, fost id-difizi minnu mqajjma, jghid ukoll illi kieku l-Magistrat Inkwirenti kellu jilqa t-talba rikorrent, dina "*tkun qed tixxejjen id-decizjoni tal-Qorti Kriminali.*"

Ikkunsidra illi l-Qorti Kriminali, fid-decizjoni erudita taghha tat-8 ta' Jannar 2019, filwaqt illi spjegat fir-reqqa r-ragunijiet taghha l-ghala rrevokat id-digriet tal-Magistrat Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017, kellha dan xi tghid dwar id-digriet ta' dana il-Magistrat Inkwirenti datat 21 ta' Mejju 2018:

*Illi, kwantu ghad decizjoni tal-Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale tal-21 ta' Mejju, 2018 formanti parti minn dan il process b'decizjoni tal-istess Magistrat li biha kien cahad it-talba tar rikorrenti [ Dr. Simon Busuttil u l-MEP David Casa] ghat tnedija ta' Inkjesta in genere fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna, din il-Qorti tosserva li ma kien hemm ebda rikors ghar-revoka ta' din id decizjoni u ghalhekk ma huwiex fil-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel osservazzjonijiet ulterjuri dwarha ghajr li dik it-talba kienet michuda*

Tosserva illi l-Qorti Kriminali fehmet ben tajjeb id-decizjoni ahharija ta' dan il-Magistrat Inkwirenti, illi attwalment kien li cahad it-talba tar-rikorrenti sabiex tinfetah inkjesta in genere kif minnhom mitlub.

**Konkluzjonijiet**

Tosserva illi, a differenza ta' dak illi jidher illi qed jahsbu ir-rikorrenti u li espremew fir-rikors promotur taghhom tal-14 ta' Jannar 2019, ma jesisti ebda "*limbu legali u gudizzjarju, la haj u lanqas mejjet*" u d-digriet ta' dana il-Magistrat Inkwirenti tal-21 ta' Mejju 2018 ma ghandu ebda htiega illi "*jinghata ezistenza legali/gudizzjarja awtonoma u indipendenti mid-digriet tal-Magistrat Dr Ian Farrugia*", u dana peress illi t-talba tar-rikorrent kif maghmul fir-rikors taghhom tal-20 ta' April 2018 kien gie **michud**, u tali decizjoni hija issa wahda finali stante illi ma sar ebda appell minn tali decizjoni a tenur tal-Artikolu 546 4(B)

Tosserva, ghalhekk, illi d-decizjoni ta' dana il-Magistrat Inkwirenti moghtija fil-21 ta' Mejju 2018 fejn **cahad it-talba tar-rikorrenti ghal ftuh ta' Inkjesta *in genere*** hija wahda **finali**, u ma tista ssir ebda talba, la biex tirrisuxxita mill-mewt ir-rikors tal-20 ta' April 2018 u wisq anqas biex il-Magistrat Inkwirenti jaghti digriet biex jigi assenjat bil-polza a tenur tal-Artikolu 546 (4C) tal-Kap 9.

**Ghalhekk, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti kif maghmulha fir-rikors taghhom tal-14 ta' Jannar 2019.**

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Notifika:** **Dr Simon Busuttil,**
**David Casa,**
**l-Onor Konrad Mizzi,**
**Keith Schembri,**
**Brian Tonna,**
**Karl Cini,**
**Mario Pullicino,**
**Avukat Generali**